MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 15/2012/1 LM

**George (K.I. Numru 692951M) u Mary (K.I. Numru 260056M) konjuġi Zammit**
*(l-appellati)*

***vs.***

**Ċensu Farrugia (K.I. Numru 286852M)**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Ċensu Farrugia** (K.I. Numru 286852M) (minn issa 'l quddiem "l-appellant"), mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), fil-21 ta'

Ottubru, 2019, (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:

> *"(1) Tiddikjara li l-ġebel tal-franka provdut mill-konvenut lill-atturi għall-faċċata tal-villa di proprjetà ta' James Grech, fi Triq l-Iskud, Victoria Gardens, limiti tal-Ibraġġ, ma kienx idoneju u tal-kwalità pattwita għall-iskop intiż;*
>
> *(2) Issib lill-konvenut responsabbli għall-ispejjeż inkorsi mill-atturi biex sar ix-xogħol rimedjali meħtieġ; u b'hekk*
>
> *(3) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut; u konsegwentement*
>
> *(4) Tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' €7,682.60, bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Frar 2012, id-data tan-notifika tar-Rikors promutur lill-konvenut, sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *L-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għal dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-konvenut."*

## **<u>Fatti</u>**

2. Dan l-appell qiegħed jiġi intavolat mill-appellant wara s-sentenza appellata tal-21 ta' Ottubru, 2019, u dan wara proċeduri mibdija mir-rikorrenti li permezz tagħhom talbu lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-intimat għall-ħlas ta' sebat elef, sitt mija u tnejn u tmenin Euro u sittin ċenteżmu (€7,682.60), flimkien mad-danni u l-ispejjeż sofferti minnhom konsegwenza ta' fornitura ta' materjal tal-kostruzzjoni li ma kienx meqjus idoneju għall-iskop li għalih inbiegħ lilhom mill-intimat.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent George Zammit, bennej tas-sengħa, kien xtara ġebel tal-franka mill-barriera magħrufa bħala "Tax-Xantin" fil-limiti tal-Imqabba, proprjetà tal-intimat, bl-iskop li dan il-ġebel jintuża sabiex tinkesa l-faċċata ta' villa li kienet qiegħda tinbena ġewwa Tal-Ibraġġ, proprjetà ta' ċertu James Grech. Xi żmien wara li dan il-ġebel magħruf bħala "tax-xilliel" tpoġġa fuq il-post, ir-rikorrent ġie mgħarraf minn ħaddiema li kienu għadhom qegħdin jaħdmu f'din il-proprjetà, li l-ġebel li tpoġġa kien ittaqqab u s-sid tal-proprjetà kien qiegħed jesiġi li dan il-ġebel jinbidel. Ir-rikorrent kien informa b'dan lill-intimat, li kien offra li jerġa' jipprovdi l-ġebel meħtieġ, iżda l-Perit inkarigat mill-bini tal-villa kien informa lir-rikorrent li huwa ma xtaqx li l-ġebel li kellu jinbidel jiġi akkwistat mill-istess barriera. Kien għalhekk, spjega r-rikorrent, li huwa kellu jmur jixtri l-ġebel meħtieġ mingħand ħaddieħor, u b'hekk inkorra spejjeż addizzjonali.

4. Min-naħa tiegħu l-intimat wieġeb li n-negozju tal-bejgħ tal-ġebel ma sarx miegħu waħdu, għaliex huwa qiegħed fin-negozju ma' ċertu Gerald Micallef, għalkemm stqarr li huwa waħdu l-proprjetarju tal-barriera minn fejn inqata' l-ġebel inkwistjoni. L-intimat qal li r-rikorrent xtara diversi konsenji ta' ġebel mingħandu tul is-snin, u bejn il-partijiet hemm pendenza quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar għall-ħlas għal ġebel mibjugħ mill-intimat lir-rikorrent. L-intimat eċċepixxa li l-ġebel mibjugħ u kkonsenjat minnu lir-rikorrent kien dejjem ta' kwalità tajba u tal-kwalità mitluba minnu, u huwa

m'għandux jinżamm responsabbli għall-ġebel difettuż għaliex meta saret il-konsenja tal-ġebel dan ġie aċċettat mir-rikorrenti. L-intimat eċċepixxa wkoll li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għad-danni, u fi kwalunkwe każ id-danni jridu jiġu ppruvati.

5. L-Ewwel Qorti kellha l-opportunità tisma' diversi xhieda, fosthom lil ċertu **Philip Vassallo**, xufier mar-rikorrent George Zammit, li spjega li kull meta Zammit ikollu bżonn jixtri l-ġebla, dan jibgħat lilu bit-trakk għand l-intimat, u huwa dejjem kien iħallas għal kull konsenja. Dan ix-xhud spjega li meta l-ġebla akkwistata tkun ser tintuża għall-kisi ta' xi faċċata, is-sid tal-barriera jiġi infurmat li l-ġebla meħtieġa trid tkun "tax-xelliel", sabiex il-knaten ikunu maqtugħin tal-qies, lesti biex jitqiegħdu fil-post. Dan ix-xhud qal li kien hu li mar għall-intimat u talbu jmur miegħu jara l-ħsara li kien hemm fil-faċċata ta' din il-villa ġewwa Tal-Ibraġġ. Ir-rikorrent **George Zammit** spjega li hu ilu jaħdem bħala bennej għal aktar minn tletin sena, u għal bosta snin huwa kien jixtri l-ġebla mingħand l-intimat biss. Ir-rikorrent qal li meta kien jeħtieġ ġebla għall-faċċata ta' bini, huwa kien jitlob lill-intimat ġebel tal-iprem kwalità, li jinbiegħ bi prezz ogħla minn ġebel ieħor. Ir-rikorrent qal li f'dan il-każ huwa kien qiegħed ilesti faċċata fuq id-dobblu għal ċertu James Grech, u waqt il-bini, il-ġebla ma kienx jidher li fiha difetti. Qal li ftit wara li lesta x-xogħol, kien ċempillu l-Perit Brian Ebejer, li infurmah li bdew ħerġin ħafna difetti fil-ġebla, u meta mar fuq il-post huwa kien ra li din kienet qiegħda tittaqqab. Ir-rikorrent qal li s-sid tal-proprjetà beda jesiġi li l-faċċata tinħatt u terġa' tinbena mill-ġdid,

u meta tkellem dwar dan mal-intimat, dan kien offra li jipprovdi l-ġebel mill-barriera tiegħu, iżda l-Perit tal-proġett ma riedx jaċċetta. Ir-rikorrent qal li huwa kellu jżarma l-faċċata, jixtri ġebla oħra u jibni l-faċċata mill-ġdid u din il-problema lilu swietu €7,682.60 sabiex irrimedjaha. Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet ippreżentata wkoll ittra mibgħuta mill-Perit Brian Ebejer fis-27 ta' Lulju, 2011, fejn il-Perit spjega illi, "*during the construction works, the limestone blocks did not exhibit any flaws with regards to the quality of the surface finish, nor was there any indication that the blocks would in future suffer any abnormal deterioration.*" **Il-Perit Brian Ebejer** fix-xhieda tiegħu spjega li l-villa nbniet parti bil-*bricks* u parti bil-ġebel, u l-parti li nbniet bil-ġebel kellha tinbidel kollha. Dan ix-xhud qal li l-bini tal-faċċata sar bejn il-15 ta' April, 2010 u l-aħħar ta' Lulju tal-istess sena. Dan ix-xhud ikkonferma li huwa kien ra l-ġebel li kellu jintuża għall-faċċata qabel tpoġġa, u qal li dan ma kien fih l-ebda difett. Ir-rikorrent **George Zammit** spjega li huwa kien jakkwista l-biċċa l-kbira tal-ġebel mill-barriera tal-intimat, u għall-ġebel li jintuża fil-faċċati huwa kien iħallas €10 għal kull vjeġġ. Spjega li ġebla bħal din ma jridx ikun fiha sol, u huwa għalhekk li din tkun ogħla fil-prezz. Qal li d-difetti fil-ġebla li ntużat minnu fil-villa inkwistjoni bdew joħorġu madwar sitt xhur wara, u meta huwa mar jara l-villa sab li l-ġebla tal-faċċata kienet qiegħda tittaqqab kollha. Ir-rikorrent spjega li drabi oħra, meta l-intimat ma kienx ikollu ġebla tal-iprem kwalità li tkun tajba għall-bini tal-faċċati, dan kien jgħidlu biex imur jixtri l-ġebel mingħand ħaddieħor, jew biex jgħaddi drabi oħra, u żied jgħid li waqt il-bini huwa ma kienx induna li l-ġebel seta' kellu xi difetti. Xhud ieħor, **Gerald Micallef**, spjega

li huwa kien daħal sħab mal-konvenut fil-ġestjoni tal-barriera wara li żżewweġ lil bint l-intimat. Qal li meta l-ġebla li nbiegħet lir-rikorrent ittieħdet fuq il-post, il-perit kien iċċertifika li din il-ġebla kienet tajba għall-faċċata. Qal li din it-tip ta' ġebla tkun maqtugħa b'mod tajjeb ħafna, tant hu hekk li kull ma jkun jonqosha qabel titqiegħed fuq il-post, huwa biss ftit xkatlar. L-intimat **Ċensu Farrugia** fix-xhieda tiegħu qal li huwa qatt ma kellu ilmenti dwar il-kwalità tal-ġebel maqtugħ mill-barriera tiegħu, u meta twassallu l-ilment tar-rikorrenti, huwa kien mar fuq il-post sabiex jara d-difetti b'għajnejh. Qal li dakinhar huwa seta' jara biss żewġ toqob li kienu qishom toqob ta' musmar, u l-ħsara kienet biss f'żewġt iknaten. L-intimat qal li r-rikorrent kien ilu jixtri l-ġebel mingħandu madwar għoxrin sena, u dan kien jixtri mingħandu regolarment, għalkemm qal li maż-żmien sar jaf li r-rikorrent kien imur jixtri minn bnadi oħra wkoll.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ottubru, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-vertenza odjerna billi ddikjarat li l-ġebel tal-franka pprovdut mill-intimat lir-rikorrenti għall-faċċata tal-villa proprjetà ta' James Grech, ma kienx tal-kwalità pattwita u idoneju għall-iskop li għalih kien intuża; li l-intimat huwa responsabbli għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti biex sar ix-xogħol rimedjali meħtieġ; ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat; u laqgħet it-talba attriċi billi kkundannat lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €7,682.60 bl-

imgħax legali mid-data tan-notifika tar-rikors promutur lill-intimat, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Bil-proċeduri odjerni l-atturi jitolbu li l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' €7,682.60 rappreżentanti danni u spejjeż sofferti minnhom konsegwenza ta' fornitura ta' materjal tal-kostruzzjoni mhux idoneju da parti tiegħu. Il-konvenut jilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) illi fl-ewwel lok, jekk sar negozju mal-atturi, dan ma sarx minnu waħdu iżda sar flimkien ma' Gerald Micallef, ma' min jiġġestixxi l-barriera; (ii) peress li kien hemm diversi konsenji ta' ġebel fuq medda ta' snin minnu lill-atturi, huwa meħtieġ li l-atturi jindikaw dwar liema ġebel qed jilmentaw u jibbażaw din l-azzjoni u jippruvaw li l-ġebel li ntuża minnhom huwa ġebel li nxtara mingħandu; (iii) in rigward konsenji li saru minnu lill-atturi, hemm vertenza fl-ismijiet "**Gerald Micallef vs George u Mary nee Zammit**" (Tribunal Talbiet Żgħar Avviż Numru 982/2011 DMA) u dan peress li l-istess atturi naqsu milli jħallsu l-ammont minnhom dovut bħala prezz ta' konsenji magħmula lilhom; (iv) il-ġebel mibjugħ minnu u kkonsenjat lill-atturi kien dejjem tal-kwalità mitluba mill-istess atturi, kull konsenja ġiet aċċettata minnhom bħala tali u għalhekk ma hemm ebda lok għal responsabbilità da parte tiegħu; (v) ma hemm ebda danni li għandhom jitħallsu da parte tiegħu; (vi) l-atturi għandhom jippruvaw l-allegazzjonijiet tagħhom kemm in kwantu responsabbilità kif ukoll in rigward il-quantum tad-danni li qed jintalbu.*

*Mill-provi prodotti mill-atturi jirriżulta li l-attur George Zammit, bennej di professjoni, kien ġie nkarigat bil-kostruzzjoni ta' villa għal ċertu James Grech fi Triq l-Iskud, Victoria Gardens, fil-limiti tal-Ibraġġ (iktar 'il quddiem indikata bħala l-Villa). Il-faċċata tal-Villa kellha tinbena bid-dobblu u kien hemm partijiet minnha fuq il-fil u partijiet bil-bricks. L-attur akkwista l-ġebel tal-franka li ntuża fil-faċċata tal-Villa mill-barriera tal-konvenut u għalkemm meta dan il-ġebel inġieb fuq il-lant tal-kostruzzjoni ma kien jidher li kellu ebda difett, xi xhur wara li tlestiet il-kostruzzjoni il-Perit tas-sidien tal-Villa, il-Perit Brian Ebejer, infurmah illi l-ġebel tal-faċċata beda jittaqqab. Meta l-attur mar biex jara x'kienet is-sitwazzjoni u f'xiex kien jikkonsisti l-ilment tas-sidien tal-Villa, huwa ra li l-ġebel kollu li ntuża fil-faċċata kien imtaqqab. Is-sitwazzjoni kienet tali li l-attur kellu jerġa' jħott il-faċċata kif mibnija u jibniha mill-ġdid perezz ta' ġebel tal-franka ieħor, din id-darba però, fuq insistenza tal-proprjetarju tal-Villa u tal-Perit tagħhom, mhux provdut mill-barriera tal-konvenut.*

*L-attur għamel ix-xogħlijiet rimedjali meħtieġa, ħatt il-faċċata kif mibnija u reġa' bnieha mill-ġdid b'ġebel tal-franka ieħor mhux ottenut mingħand il-konvenut, u dana verso spiża sopportata minnu fl-ammont komplessiv ta' €7,682.60.*

*A bażi ta' dawn il-fatti l-atturi jesiġu li l-konvenut iħallashom is-somma ta' €7,682.60 stante li jikkontendu li huma sofrew tali spiża peress illi l-ġebel minnhom akkwistat mingħand il-konvenut għax-xogħol fuq il-faċċata tal-Villa ma kienx idoneju għall-iskop li ntuża. Fil-fehma tal-Qorti l-bażi ġuridika tal-azzjoni attriċi evidentement hija d-dritt ta' rivalsa tal-atturi, qua appaltaturi inkarigati bil-kostruzzjoni tal-Villa, fil-konfront tal-konvenut qua fornitur tal-ġebel tal-franka utilizzat fil-kostruzzjoni oriġinali tal-faċċata tal-imsemmija Villa.*

*Il-bażi tal-azzjoni attriċi hija impernjata fuq il-prinċipju ġuridiku assodat in materja ta' appalt li 'jekk l-opra li kienet l-oġġett tal-appalt ġiet esegwita minn persuna oħra bħala subappaltatur, l-appaltatur jibqa' responsabbli lejn l-appaltant għall-eskuzzjoni tal-appalt anke apparti mill-fatt li l-materjal ħażin ikun fornieh hu. L-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftiehma skont is-sengħa u meta hu jissomministra anke materjal dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skont il-Liġi. Fil-konfront tal-attur appaltant, il-konvenut appaltatur jibqa' dejjem responsabbli lejh għax miegħu teżisti r-relazzjoni ġuridika tal-appalt.* ***Huwa elementari li l-appaltatur obbligat jesegwixxi l-opra miftiehma skont is-sengħa u meta hu ssomministra anke l-materjal fl-esekuzzjoni tal-opra, dan għandu jkun ta' kwalità tajba salv id-dritt tiegħu li jekk dan jirriżulta difettuż kien ikollu rivalsa kontra l-fornitur li miegħu, kuntrarjament għall-attur, kellu relazzjoni ġuridika.***[1]

*Kif ġia aktar 'il fuq osservat il-konvenut jilqa' għat-talba attriċi b'diversi eċċezzjonijiet, l-ewwel waħda fosthom li jekk sar negozju mal-atturi, dan ma sarx minnu waħdu iżda sar flimkien ma' Gerald Micallef, ma' min jiġġestixxi l-barriera. Nonostante tali eċċezzjoni però l-konvenut ma ressaqx provi li sodisfaċentement juru li bejnu u Gerald Micallef effettivament jissussisti tali negozju bi sħab.*

*Għalkemm in eżami Gerald Micallef iddikjara li* "jiena sħab ma' Ċensu Farrugia fin-negozju tal-barriera u peress li Ċensu ma jafx jikteb u jaqra nagħmel xogħol manwali wkoll, però l-iktar li nagħmel nieħu ħsieb il-karti u dawn l-affarijiet"[2]*, mill-kontro-eżami tiegħu rriżulta li l-barriera in kwistjoni hija di proprjetà tal-konvenut u mhux*

---

[1] **Emanuel Abela** *vs* **Perit Arkitett Fred Valentino et,** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Diċembru 1998; **Frederick Cachia** *vs* **Paul Debono et,** Ċitazz. Nru. 39/86 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 2001. Enfasi ta' din il-Qorti.
[2] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012, fol. 41 sa 47 tal-proċess.

*tiegħu wkoll u li l-VAT number relattiv għan-negozju ġestit mill-barriera huwa reġistrat fuq il-konvenut biss u hu ma għandu l-ebda reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud relattiva għall-allegat sehem tiegħu minn tali negozju. Irriżulta wkoll li fuq iċ-chits maħruġa għall-konsenji ta' ġebel akkwistati mill-attur matul iż-żmien, il-firma fuqhom hija biss tal-konvenut. Il-konvenut ukoll ikkonferma li l-barriera in kwistjoni hija di proprjetà tiegħu u mhux ukoll ta' Gerald Micallef u li l-VAT number relattiv għan-negozju ġestit mill-barriera huwa reġistrat f'ismu u għall-mistoqsija,* "mela l-ewwel għidtli li l-barriera hija tiegħek u l-VAT registration hija tiegħek, issa għadek kif semmejtli li qiegħed bi sħab, kif qiegħed bi sħab?" *il-konvenut wieġeb* "qiegħed miegħi dak" *– ossia Gerald Micallef. Għall-mistoqsija ulterjuri* "però uffiċjalment m'hemm xejn. Jiġifieri tagħtih paga?", wieġeb, "jieħu s-sehem miegħi" *u għall-mistoqsija ulterjuri* "u għandkom skrittura bejnietkom?" *il-konvenut wieġeb* "eħe mela"*. Nonostante tali dikjarazzjoni però din l-allegata skrittura baqgħet qatt ma ġiet ippreżentata.*

*Kull ma ppreżenta l-konvenut huma żewġ dikjarazzjonijiet, waħda datata 9 ta' April 2013 – esebita a fol. 66 tal-proċess – u oħra prattikament identifikata 7 ta' Marzu 2012 – esebita a fol. 92 tal-proċess – fejn fihom hemm rispettivament dikjarat:* "niddikjaraw *(il-konvenut u Gerald Micallef)* illi aħna ilna sħab, ċioe naħdmu flimkien, fin-negozju sa minn Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u ċioe sa minn meta Gerald Micallef iżżewweġ lil Marica li hija bint Innocent Farrugia u bis-saħħa tal-preżenti l-persuni hawn taħt iffirmati – il-konvenut u Gerald Micallef – jiddikjaraw quddiemi n-Nutar Pubbliku sottofirmata illi huma ilhom madwar għaxar (10) snin jaħdmu flimkien u bi sħab in-negozju tal-barriera magħrufa bħala "Tax-Xantin" numru sitta u għoxrin (46) *(sic!)* fil-limiti tal-Imqabba. Fil-fatt Gerald Micallef daħal bi sħab ma' Innocent Farrugia meta żżewweġ lit-tifla ta' dan l-istess Innocent Farrugia. Barra minn hekk, Gerald Micallef għandu anke prokura favur tiegħu minn Innocent Farrugia." *Dawn id-dikjarazzjonijiet però bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala prova sodisfaċenti u wisq inqas konklussiva li effettivament jeżisti negozju bi sħab bejn il-konvenut u Gerald Micallef.*

*Sħubija fin-negozju tfisser li d-dħul kollu minn tali negozju jiġi kkomputat flimkien u wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, il-profitti jew it-telf jinqasmu bejn dawk li jkunu qed jipparteċipaw fl-imsemmija sħubija. Dwn huma l-elementi – jew tal-inqas il-ftehim dwarhom – li kellhom jirriżultaw mill-provi tal-konvenut biex jiġi stabbilit bħala fatt ippruvat li hu u Gerald Micallef imexxu n-negozju tal-barriera bi sħab bejniethom,*

*elementi dawn li però bl-ebda mod ma jirriżultaw mix-xhieda tal-konvenut u ta' Gerald Micallef u/jew mid-dikarazzjonijiet esebiti minnu u wisq inqas mill-fatt li Gerald Micallef jista' għandu prokura tal-konvenut, fatt dan fil-fehma tal-Qorti huwa għal kollox irrilevanti fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri.*

*Fid-dawl ta' dak osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut hija għal kollox infondata u b'hekk għandha tiġi miċħuda.*

*Il-konvenut jeċċepixxi wkoll li peress li kien hemm diversi konsenji ta' ġebel fuq medda ta' snin minnu lill-atturi, huwa meħtieġ li l-atturi jindikaw dwar liema ġebel qed jilmentaw u jibbażaw din l-azzjoni u jippruvaw li l-ġebel li ntuża minnhom huwa ġebel li nxtara mingħandu.*

*Kif ġia aktar 'il fuq osservat, mill-provi prodotti mill-atturi, in partikolari mill-affidavit tal-attur George Zammit, u mir-rapport u x-xhieda tal-Perit Brian Ebejer, jirriżulta li l-ġebel tal-franka li minnu jilmentaw l-atturi huwa dak li ntuża mill-attur biex saret il-faċċata, jew tal-anqas partijiet minnha, tal-villa di proprjetà ta' James Grech fi Triq l-Iskud, Victoria Gardens, limiti tal-Ibraġġ. Dan il-ġebel ġie akkwistat mill-barriera tal-konvenut bir-rata ta' €10 għal kull Vjaġġ* (per load). *Mid-dikjarazzjoni tal-Perit Brian Ebejer datata 8 ta' Ottubru 2012, minnu kkonfermata waqt ix-xhieda mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, irriżulta illi* "the quarried limestone blockwork supplied for the construction of a semi-detached villa in Triq l-Iskud, Ibraġġ ... was used for the construction of the facades of the villa at ground floor, first floor and roof levels. The basement level of the house was complete and roofed over before the 15th April 2010. The construction of the villa including the parapet wall at roof level (but not including landscaping and pool area) was completed by the end of July 2010." *Minn dokumenti esebiti mill-atturi a fol. 36 sa 40 tal-proċess jirriżulta li bejn il-5 ta' April 2010 u d-29 ta' Lulju 2010, u ċioe' fl-istess żminijiet tal-bini tal-Villa, huma akkwistaw diversi vjeġġi ta' ġebel tal-franka bir-rata ta' €10 per load mingħand il-konvenut.*

*Għalkemm il-konvenut jikkontendi li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-ġebel tal-franka utilizzat fil-faċċata tal-Villa ġie akkwistat mingħandu u dan billi Philip Vassallo, il-persuna nkarigat mill-attur li kien imur bit-trakk għall-ġebel ġewwa l-barriera, ma semma xejn fir-rigward u b'mod speċifiku dwar il-Villa, il-Perit Ebejer ma kienx jaf minn fejn u mingħand min ġie akkwistat dan il-ġebel u kien hemm okkażjonijiet fejn l-attur akkwista ġebel mingħand ħaddieħor, il-Qorti tqis li d-dokumenti esebiti mill-atturi a fol. 36 sa 40 tal-proċess jikkostitwixxu prova*

*konvinċenti u sodisfaċenti li bħala fatt il-ġebel tal-franka utilizzat fil-faċċata tal-Villa u li dwaru ilmentaw l-atturi peress li wara ftit xhur beda jittaqqab, ġie akkwistat mingħand il-konvenut. Kuntrarjament għall-konvenut, l-atturi ma straħux fuq suppożizzjonijiet u konġetturi iżda ppreżentaw dokumenti li jikkorroboraw bis-sħiħ dak minnhom affermat, u ċioe, jiġi ribadit, li l-ġebel tal-franka utilizzat fil-faċċata oriġinali tal-Villa di, liema ġebel wara ftit taż-żmien beda jittaqqab kollu, kien ġie akkwistat mingħand il-konvenut.*

*Apparti minn dan appena osservat, il-Qorti diffiċilment tasal għall-konklużjoni li l-atturi akkwistaw il-ġebel in kwistjoni mingħand ħaddieħor u mhux mingħand il-konvenut għar-raġuni li kemm mill-provi prodotti mill-attur kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut stess u ta' Gerald Micallef irriżulta li mhux biss il-konvenut mar jara l-faċċata tal-Villa meta ġie nfurmat li l-ġebel kien qed jittaqqab talli, u dan kif ikkonfermat minn Gerald Micallef li jaħdem (a differenza ta' li jmexxi negozju bi sħab) mal-konvenut, l-istess konvenut kien offra biex jirranġa iżda l-attur ma aċċettax.*[3]

*Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-atturi rnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfaċenti li l-ġebel utilizzat fil-faċċata tal-Villa, dwar liema huma jilmentaw għaliex wara ftit xhur mit-tlestija tal-kostruzzjoni beda jittaqqab, huwa ġebel akkwistat mingħand il-konvenut.*

*Il-konvenut jeċċepixxi wkoll li l-ġebel mibjugħ minnu u kkonsenjat lill-atturi kien dejjem tal-kwalità mitluba mill-istess atturi, kull konsenja ġiet aċċettata minnhom bħala tali u għalhekk ma hemm ebda lok għal responsabbilità da parte tiegħu; ma hemm ebda danni li għandhom jitħallsu da parte tiegħu u l-atturi għandhom jippruvaw l-allegazzjonijiet tagħhom kemm in kwantu responsabbilità kif ukoll in rigward il-quantum tad-danni li qed jintalbu.*

*Kif ġià aktar 'il fuq osservat, għax-xogħol fuq il-faċċata tal-Villa l-attur George Zammit ried ġebel tal-franka ta' kwalità tajba għal dan it-tip ta' xogħol, ossia ġebla li ma jkunx fiha sol, jiġifieri li ma titmermirx, u tkun xilliel. Mix-xhieda ta' Gerald Micallef*[4] *u mill-kontro-eżami tal-konvenut*[5] *jirriżulta li din it-tip ta' ġebla mill-barriera tal-konvenut, ossia ġebla tajba għall-faċċata, tinbiegħ bir-rata ta' €10* per load*. Mix-xhieda tal-attur u mid-dokumenti esebiti mill-atturi a fol. 36 sa 40 tal-*

---

[3] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012, fol. 41 sa 53 tal-proċess.
[4] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012, a fol. 41 sa 53 tal-proċess.
[5] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, a fol. 71 sa 74 tal-proċess.

*proċess jirriżulta li l-ġebel akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenut fiż-żmien tal-kostruzzjoni tal-Villa kien ġebel bir-rata ta' €10 per load, b'dana għalhekk li suppost kien ġebel tajjeb għall-iskop li għalih riedu l-attur George Zammit.*

*Mill-provi prodotti però rriżulta li minkejja l-fatt li l-atturi suppost akkwistaw ġebel tajjeb għax-xogħol fuq il-faċċata, wara ftit xhur mill-kostruzzjoni tal-faċċata tal-Villa l-ġebel beda jittaqqab. Li l-ġebel utilizzat mill-attur fil-faċċata tal-Villa beda jittaqqab wara biss ftit xhur jirriżulta kkonfermat mir-rapport tal-Perit Brian Ebejer, il-Perit tas-sidien tal-Villa, a fol. 16 tal-proċess, minnu kkonfermat fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012. F'dan ir-rapport huwa ċċertifika li* "some of the walls of the villa were built of quarried limestone blocks while the rest of the blocks were built of precast hollow concrete blocks. During the construction works, the limestone blocks did not exhibit any flaws with regards to the quality of the surface finish, nor was there any indication that the blocks would in future suffer any abnormal deterioration. A few months after completion of the construction works, the owner of the villa requested me to inspect the masonry walls of the villa and it was found that the surface of a large number of the limestone blocks in the villa had since become pitted. The pitting was evident in all the limestone walls of the villa. In my opinion the quality of such materials is not of an acceptable standard and so the contractor, Mr George Zammit, was instructed to remove all the limestone walls and to reconstruct the same walls using good quality limestone blockwork." *Apparti mir-rapport tal-Perit Ebejer, l-istat tal-ġebel akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenut wara biss ftit xhur li ntuża biex inbniet il-faċċata tal-Villa jirriżulta wkoll mir-ritratti esebiti mill-atturi a fol. 19 tal-proċess. Dawn ir-ritratti juru b'mod ċar li ġebel li ntuża mill-attur George Zammit kien qed jittaqqab, ħaġa din li mhux suppost ġrat fit-tip ta' ġebla meħtieġa mill-atturi u suppost lilhom mibjugħa mill-konvenut.*

*Għalkemm il-konvenut jipprova jimminimizza l-istat tal-ġebel minnu pprovdut lill-atturi għal dan l-appalt partikolari billi ddikjara li meta aċċeda fil-Villa biex jispezzjona l-faċċata kull ma kienu żewġt iknaten imtaqqbin bħal qisu b'musmar, u dana skontu wara sentejn[6], il-Qorti ma tistax, apparte l-konsiderazzjonijiet ġia magħmula, ma tagħtix il-piż debitu lill-fatt li, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Gerald Micallef, hekk kif ra l-istat tal-faċċata tal-Villa l-konvenut kien offra lill-atturi li jirranġa s-sitwazzjoni. Quindi altru milli l-ġebel utilizzat fil-faċċata ma kellu xejn u kien ta' kwalità idonea għall-iskop li għalih ried jiġi utilizzat.*

---

[6] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar, 2013, a fol. 55 sa 61 tal-proċess.

*Il-fatt li l-attur George Zammit ġie kostrett mis-sidien tal-Villa jħott il-faċċata fejn kienet bil-ġebel u jerġa' jibniha mill-ġdid b'ġebel ta' kwalità idonea għall-iskop intiż, jirriżulta mir-rapport tal-Perit Ebejer iktar 'il fuq imsemmi u anke mix-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012[7], fejn iddikjara li* "waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet rimedjali da parti tal-attur, jien kont inkun preżenti. Fil-fatt ix-xogħlijiet rimedjali saru taħt is-superviżjoni tiegħi. Id-dar inbniet parti bil-bricks u parti bil-ġebel, fejn intuża l-ġebel kellu jinbidel kollu. Nikkonferma li x-xogħol rimedjali sar mill-attur." *L-ispiża inkorsa mill-atturi biex sar dan ix-xogħol rimedjali tirriżulta mill-kont maħruġ u kkonfermat mill-Perit Ebejer a fol. 17 u 18 tal-proċess, liema kont u l-quantum tal-istess ma ġiex kontradett u/jew imxejjen mill-konvenut li invece għażel li ma jqisux daqs li kieku ma ġiex esebit fl-atti u kkonfermat mill-Perit li ħarġu.*

*Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta li l-ġebel tal-franka provdut mill-konvenut lill-atturi għax-xogħol fuq il-faċċata tal-Villa ma kienx tal-kwalità idonea u dik pattwita bejn il-konvenut u l-atturi u għaldaqstant il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi mill-atturi biex isiru x-xogħlijiet rimedjali fuq il-faċċata tal-villa wara li l-ġebel ipprovdut minnu beda jittaqqab. Konsegwentement għalhekk l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut ma humiex ġustifikati u b'hekk għandhom jiġu miċħuda.*

*Jiġi infine osservat illi l-konvenut jeċċepixxi wkoll li in rigward konsenji li saru minnu lill-atturi, hemm vertenza fl-ismijiet "**Gerald Micallef vs George u Mary nee Zammit**" (Tribunal Talbiet Żgħar Avviż Numru 982/2011 DMA) u dan peress li l-istess atturi naqsu milli jħallsu l-ammont minnhom dovut bħala prezz ta' konsenji magħmula lilhom. Il-konvenut però naqas milli jipprova u jissostanzja din l-eċċezzjoni u r-rilevanza tal-istess fil-kuntest tal-proċeduri odjerni.*

*Għal dawn ir-raġunijet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*

*(1) Tiddikjara li l-ġebel tal-franka provdut mill-konvenut lill-atturi għall-faċċata tal-villa di proprjetà ta' James Grech, fi Triq l-Iskud, Victoria Gardens, limiti tal-Ibraġġ, ma kienx idoneju u tal-kwalità pattwita għall-iskop intiż;*
*(2) Issib lill-konvenut responsabbli għall-ispejjeż inkorsi mill-atturi biex sar ix-xogħol rimedjali meħtieġ; u b'hekk*
*(3) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut; u konsegwentement*

[7] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012, fol. 20 tal-proċess.

*(4) Tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' €7,682.60 bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Frar 2012, id-data tan-notifika tar-Rikors promutur lill-konvenut, sad-data tal-effettiv pagament.*

*L-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għal dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-konvenut."*

## L-Appell

7. L-appellant ippreżenta l-appell tiegħu fit-8 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-wieħed u għoxrin ta' Ottubru fl-2019 fl-ismijiet **George u Mary konjugi Zammit vs Ċensu Farrugia** (rik. nru. 15/12VG) u tilqa' l-appell ta' Ċensu Farrugia, bl-ispejjeż kontra l-istess appellati."*

8. L-appellant jgħid li huwa ħass ruħu aggravat bis-sentenza appellata għaliex: (i) l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u naqset milli teżamina bir-reqqa l-provi miġjuba quddiemha, bir-riżultat li din waslet għal deċiżjoni inġusta fil-konfront tal-konvenut appellant. F'dan il-kuntest, l-appellant qal li din il-Qorti tal-Appell għandha tiddipartixxi mill-prinċipju stabbilit li ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u dan sabiex jiġi evitat li ssir inġustizzja manifesta, stante li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi miġjuba quddiemha. L-appellant isostni li l-Ewwel Qorti interpretat il-fatti b'mod żbaljat partikolarment meta ddeċidiet li l-ġebla difettuża kienet inxtrat mingħand l-appellant. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq id-

dikjarazzjoni tal-appellati li meta l-appellant mar jara l-faċċata tal-villa inkwistjoni wara li ġie infurmat bid-difett fil-ġebla, dan kien offra li jipprovdi ġebel ieħor sabiex il-faċċata tal-villa tkun tista' tinbena mill-ġdid, u l-Ewwel Qorti interpretat dan bħallikieku kien xi tip ta' ammissjoni ta' responsabbilità għall-ħlas tad-danni jew l-ispejjeż sofferti mill-appellati. L-appellant qal li mhuwiex minnu li huwa qatt għamel offerta bħal din, u l-unika offerta li huwa għamel lill-appellati kienet li jintlaħaq ftehim dwar xi pendenzi ta' ħlas li kien hemm bejn il-partijiet. L-appellant sostna li l-appellati min-naħa tagħhom dejjem sostnew li huma ma kinux ċerti minn fejn inxtrat il-ġebla li ntużat għall-bini tal-villa inkwistjoni, u li huma lanqas ma ppruvaw li l-ġebla nxtrat mingħand l-appellant. L-appellant qal li fiċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna, huwa ferm diffiċli li wieħed jiddetermina l-ġebla minn fejn tkun inqatgħet, partikolarment meta t-tip ta' ġebla li ntużat mill-appellat tinsab b'abbundanza f'barrieri fil-limiti tal-Imqabba, fejn għandu l-barriera l-appellant. L-appellant qal li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellat kien ammetta li kien hemm drabi meta huwa xtara l-ġebel mingħand ħaddieħor, u dan minkejja li fl-*affidavit* tiegħu qal li kien ilu madwar disa' snin jixtri l-ġebel mingħand l-appellant biss. L-appellant kompla jgħid li dan jammonta għal kunflitt fix-xhieda tal-appellat, u għalhekk inaqqas il-kredibbilità tiegħu bħala xhud. Qal ukoll li l-irċevuti ppreżentati quddiem l-Ewwel Qorti ma jindikawx il-ġebel mixtri għal fejn kien ddestinat, u qal li lanqas ir-ritratti ppreżentati mill-appellat quddiem l-Ewwel Qorti ma juru l-ġebel tal-aqwa kwalità li kellu jintuża għall-faċċata, u dan minħabba li parti mill-ġebel jidher li ġie rfinut bil-magna, filwaqt li parti mill-ġebel l-ieħor muri

fir-ritratti ukoll, jidher li mhux ġebel tajjeb għall-kisi tal-faċċati. L-appellant qal ukoll li kien biss l-appellat li ilmenta miegħu minħabba d-difetti li sab f'dik il-qatgħa ġebel, u la qabel u lanqas wara li biegħ dik il-qatgħa ġebel lill-appellat ma kellu ilmenti simili dwar dan ix-xogħol. L-appellant qal ukoll li d-difetti li ħarġu fuq il-ġebla mhumiex difetti li soltu jidhru fuq ġebla tal-franka, u dak li ra b'għajnejh l-appellant, daqqiet li qishom saru b'musmar, lanqas mhuma difetti li normalment joħorġu fuq il-ġebla. L-appellant żied jgħid li l-appellat jew il-lavrant tiegħu dejjem kienu jiċċekkjaw il-kwalità tal-ġebla meta jmorru jgħabbu mingħandu, u l-Perit Ebejer saħansitra ikkonferma li mhux talli l-ġebla ma kellha xejn meta din twasslet fuq il-post fejn kellha tintuża, talli ma kien hemm xejn fiha li jindika li fil-futur jistgħu joħorġu xi difetti; (ii) L-Ewwel Qorti llikwidat is-somma kif mitluba mill-appellati, mingħajr ma aċċertat ruħha li dawn verament kienu l-ispejjeż sofferti minnhom. L-appellant qal li l-appellati ma ġabu l-ebda prova tal-*quantum* tad-danni sofferti minnhom, u lanqas ma ppreżentaw xi tip ta' rċevuta maħruġa minn terzi sabiex jippruvaw li huma ħallsu dan l-ammont; (iii) L-appellant jgħid li l-ġebla hija riżorsa naturali li tinbiegħ bħala tali, u għalhekk m'għandux ikun hu li jassumi responsabbilità għal difetti li ħarġu fil-ġebla żmien wara li din tkun inbiegħet. L-appellant qal li huwa dejjem biegħ skont il-kwalità tal-ġebla mitluba minnu, u f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda mod kif huwa jaċċerta ruħu li l-ġebel minn qatgħa tal-ogħla kwalità ma kien ser joħroġlu l-ebda difett; (iv) L-appellant ikkonkluda r-rikors tal-appell tiegħu billi qal li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti anki minħabba li din ordnatlu jħallas l-imgħaxijiet legali mid-data tar-rikors

promutur. L-appellant qal li l-kawża ilha aġġornata għas-sentenza mit-13 ta' April, 2015, u għalhekk dan il-passaġġ ta' żmien lilu ser jikkawżalu preġudizzju akbar fil-ħlas ta' imgħaxijiet li jammontaw għal eluf ta' Euro, u dan għal raġunijiet li huwa m'għandu l-ebda ħtija tagħhom.

**Ir-risposta tal-appell**

9. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati wieġbu li l-aggravji mressqa mill-appellant huma legalment u fattwalment infondati u insostenibbli, u li għalhekk l-appell intavolat mill-appellant għandu jiġi miċħud bis-sentenza appellata kkonfermata minn din il-Qorti.

B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li l-Ewwel Qorti kkonstatat li l-attur huwa bennej tas-sengħa, li kien ġie inkarigat sabiex jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fuq villa proprjetà ta' James Grech, ġewwa Victoria Gardens, fil-limiti ta' Tal-Ibraġġ. Intqal ukoll li l-appellat kien akkwista l-ġebel tal-franka li ntuża għall-faċċata tal-imsemmija villa mill-barriera tal-appellant, u għalkemm meta l-ġebla ttieħdet fuq is-sit tal-kostruzzjoni viżwalment ma kien jidher li fiha l-ebda difett, ftit tax-xhur wara l-Perit inkarigat mis-sidien tal-villa, kien informa lill-appellat li l-ġebel li ntuża għall-faċċata tal-villa kien qiegħed jittaqqab, stat ta' fatt dan li ġie kkonfermat mill-appellat. L-appellat qal li huwa min-naħa tiegħu kellu jerġa' jħott il-faċċata tal-villa kif mibnija u jibniha mill-ġdid, b'ġebla li s-sidien tal-villa u l-Perit inkarigat mill-proġett talbu li ma tkunx ġiet akkwistata mill-barriera tal-appellant. L-

appellat qal li sabiex seta' jagħmel dan, huwa inkorra spiża fl-ammont komplessiv ta' €7,682.60. L-appellati qalu li l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti m'għandux jiġi ddisturbat leġġerment minn din il-Qorti, sakemm ma tirriżultax *a gross miscarriage of justice.* Żiedu jgħidu li f'dan il-każ m'għandux jirriżulta li kien hemm raġunijiet, wisq anqas raġunijiet gravi u eċċezzjonali, li għandhom iwasslu lil din il-Qorti għall-konvinċiment li l-Ewwel Qorti kienet manifestement żbaljata fl-apprezzament tagħha tal-fatti u tad-dritt, u jgħidu għalhekk li l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti għandhom jiġu kkonfermati. L-appellati għamlu riferiment għax-xhieda ta' Philip Vassallo, li kkonferma li huwa kien imur fil-barriera tal-appellant bit-trakk biex jiġbor il-ġebel li kien meħtieġ mill-appellat, kif ukoll li wara li ħarġu d-difetti fil-ġebla, l-istess Vassallo kien mar mal-appellant fil-proprjetà inkwistjoni sabiex dan seta' jara dawn id-difetti. L-appellati għamlu riferiment ukoll għax-xhieda tal-appellat, li qal li huwa kien ilu bosta snin jixtri l-ġebla mingħand l-appellant, u fl-aħħar snin qabel seħħ l-akkadut huwa kien jixtri l-ġebla esklussivament mingħand l-appellant. Fix-xhieda tiegħu l-appellat ikkonferma wkoll li meta ħarġu d-difetti fil-ġebla, l-appellant stess kien offrielu li jtih ġebla oħra sabiex jibdel dik difettuża, għalkemm din l-offerta ma ġietx aċċettata mill-Perit tal-proġett. L-appellat qal ukoll li ż-żmien meta ħarġu l-irċevuti relattivi mill-appellant, jaqbel perfettament maż-żmien meta l-Perit Brian Ebejer xehed li ġiet kostruwita l-faċċata tal-villa inkwistjoni. Kienu dawn il-provi li wasslu lill-Qorti għall-konvinċiment morali meħtieġ sabiex tasal għall-konklużjoni li l-ġebla li ntużat fil-villa ta' James Grech verament kienet ġiet

akkwistata mill-barriera tal-appellant. L-appellati qalu wkoll li huma min-naħa tagħhom mhux biss kellhom jagħmlu tajjeb għax-xiri tal-ġebla minn barriera oħra, iżda kellhom ukoll iħottu l-faċċata u jibnuha mill-ġdid.

B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li mhux minnu li l-Ewwel Qorti waslet għall-kwantifikazzjoni tad-danni sofferti minnhom b'mod arbitrarju, għaliex dan l-ammont ta' danni ġie stabbilit u ċċertifikat mill-Perit Brian Ebejer, u dan kif ikkonfermat mix-xhieda mogħtija mill-Perit Ebejer innifsu. L-appellati qalu wkoll li minkejja li l-appellant kellu l-opportunità jagħmel id-debiti kontroeżamijiet jew jitlob għall-ħatra ta' perit tekniku ġudizzjarju sabiex jivverifika tali konteġġi, l-appellant naqas milli jagħmel dan. Kien l-appellant, isostnu l-appellati, li naqas milli jipprevalixxi ruħu mill-għażliet li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u l-fatt li l-appellant ma fittix li jikkontradixxi l-imsemmi ammont, għandu jitqies li l-appellant qabel li l-*quantum* tad-danni ġie ppruvat mill-appellati.

B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellati jgħidu li l-appellant ma ressaq l-ebda eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti fis-sens li l-ġebla hija riżorsa naturali li tinbiegħ *tale quale,* u għalhekk issa dan ma jistax jinqeda b'dan l-appell biex iressaq eċċezzjonijiet ġodda. L-appellati qalu li mill-atti għandu jirriżulta li meta l-appellat mar biex jakkwista l-ġebla mingħand l-appellant, huma kienu għamluha ċara li riedu ġebla mingħajr sol minħabba li din kellha tintuża fuq il-fil, u fil-fatt huma ħallsu €10 għal kull vjeġġ, li huwa meqjus bħala prezz ġust għal ġebla tal-iprem kwalità. L-appellati qalu wkoll li l-

appellant tant kien jaf li meta l-ġebla ma tkunx tal-iprem kwalità din ma kellhiex tinbiegħ minnu, speċjalment meta jintalab jipprovdi ġebla għall-faċċata, li meta huwa ma kienx ikollu qatgħa ġebel bħal din, huwa kien jgħid lill-appellat biex imur jixtri darb'oħra u jistenna sakemm issir qatgħa minn saff idoneju. L-appellati qalu li anki mir-rapport tal-Perit Ebejer jirriżulta li l-ġebla fornita lill-appellati ma kinitx tal-kwalità pattwita u idonea, u għalhekk huwa l-appellant li għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż konsegwenzjali. B'riferiment għar-raba' aggravju tal-appellant, l-appellati jgħidu li huma kienu ilhom li għalqu l-provi tagħhom sa mill-ewwel seduti li nżammu quddiem l-Ewwel Qorti, u l-appellant ma jistax jilmenta li huma għandhom xi responsabbilità għad-dewmien fil-proċeduri. L-appellati qalu li l-prinċipji li jirregolaw din il-materja fis-sistema tagħna huma li l-imgħax jitħallas mid-data tal-preżentata tal-att relattiv, u f'każ li allegat debitur irid jeżimi ruħu mill-ħlas tal-imgħax, dan għandu jiddepożita s-somma mitluba minnu fir-Reġistru tal-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellant m'għamilx dan, u għalhekk l-appellant irrenda ruħu responsabbli għall-ħlas tal-imgħaxijiet relattivi. Għal dawn ir-raġunijiet, sostnew l-appellati, l-appellant għandu jħallas l-imgħax legali minn dakinhar li saret is-sejħa għall-ħlas tas-somma reklamata permezz ta' att ġudizzjarju, jiġifieri mit-13 ta' Frar, 2012.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, flimkien mar-risposta tal-appellati u d-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti.

*L-Ewwel Aggravju:* *l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti, naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-provi, u waslet għal deċiżjoni li hija inġusta fil-konfront tal-appellant*

L-appellant jgħid li l-appellati ma ressqux provi sufficjenti li huma kienu akkwistaw mingħandu l-ġebel li ntuża fil-faċċata tal-villa ta' James Grech, u meta l-Ewwel Qorti kkonkludiet li huwa għandu jagħmel tajjeb għad-danni sofferti minnhom minħabba materjal fornut minnu li ma kienx idoneju għall-iskop li għalih kien meħtieġ, dik il-Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi li nġiebu quddiemha. L-appellant qal li bħal donnha l-Ewwel Qorti akkampat max-xhieda tal-appellat li l-appellant kien offra li jerġa' jipprovdi l-ġebel meħtieġ sabiex il-faċċata tal-villa ta' Grech tkun tista' tinħatt u terġa' tinbena mill-ġdid, sabiex ikkonkludiet li din kienet xi forma ta' prova li l-ġebla difettuża li ntużat mill-appellat kienet inxtrat mingħand l-appellant. L-appellant ċaħad li huwa qatt għamel xi offerta bħal din, u żied jgħid li lanqas jekk saret din it-tip ta' offerta, din ma kellhiex titqies bħala ammissjoni ta' responsabbilità da parti tiegħu. L-appellant saħaq li l-appellati naqsu milli jġibu prova dwar il-provenjenza tal-ġebel intużat minnhom, u huwa qatt ma kellu xi

ilmenti ta' din ix-xorta minn ħaddieħor dwar xi qatgħa ġebel li setgħet ġiet akkwistata mingħandu. Qal ukoll li meta l-lavrant tal-appellat għabba l-ġebla fit-trakk, dan ma sab l-ebda difetti fiha, u lanqas il-Perit inkarigat mis-sidien tal-villa ma sab xi problema meta nħatt il-ġebel u beda x-xogħol tal-bini.

Il-Qorti tqis li mill-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta li l-appellant huwa persuna li ilu bosta snin bin-negozju tal-barriera, filwaqt li l-appellat huwa bennej tas-sengħa li ngħata l-inkarigu li jibni villa għal ċertu James Grech f'Tal-Ibraġġ. Kif għamel drabi oħra, l-appellat talab lill-appellant kwantità ta' ġebel li kien meħtieġ għall-bini tal-faċċata tal-villa, ġebel magħruf bħala "xelliel" li jinbiegħ bi prezz ogħla minn ġebel ieħor. L-appellat informa lill-Ewwel Qorti li minkejja li kien hemm żmien meta huwa kien jixtri l-ġebel minn bnadi oħra, huwa kien ilu madwar disa' snin jixtri l-ġebla esklussivament mingħand l-appellant. Dan ġie kkonfermat ukoll mil-lavrant tal-appellat, li fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien jintbagħat jgħabbi l-ġebel fit-trakk mingħand l-appellant u mhux mingħand ħaddieħor. Fix-xhieda ġie speċifikat li kien biss meta l-appellant ma kienx ikollu ġebla mill-qatgħa li jkun jeħtieġ l-appellat, li dan kien jew jintalab jistenna sakemm l-appellant jibda jaqta' minn saff aktar tajjeb, jew inkella kien imur jixtri mingħand ħaddieħor. Din il-Qorti kkunsidrat li l-appellati esebew sensiela ta' irċevuti maħruġa mill-appellant għal ġebel akkwistat mingħandu, liema irċevuti nħarġu fiż-żmien meta l-Perit Ebejer ikkonferma li kien qiegħed isir il-bini tal-faċċata tal-villa inkwistjoni. Minn dawn l-irċevuti jirriżulta li l-prezz għal kull tagħbija ġebel ivarja, u għalhekk faċli

wieħed jikkonkludi li l-ġebla kollha meħtieġa għall-bini tal-villa inkwistjoni, inxtrat mingħand l-appellant, kemm dik li ntużat għall-faċċata, li nxtrat bl-€10 għal kull vjeġġ, kif ukoll dik li ntużat f'partijiet oħra tal-villa, li nxtrat bi prezz orħos. Il-fatt li l-appellant mar fuq il-post sabiex jara l-ħsarat li kienu qegħdin jilmentaw minnhom l-appellati, ukoll huwa prova li l-appellant kien jaf li l-ġebla inkwistjoni kienet dik akkwistata mingħandu. Huwa minnu li kif jgħid l-appellant hemm diversi barrieri, aktarx ilkoll fl-inħawi tal-barriera tiegħu, li minnhom jinqata' l-istess tip ta' ġebel. Iżda din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tasal għal konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, għaliex mill-provi ppreżentati jidher ċar li l-appellat ma kienx jakkwista l-materja prima għax-xogħol tiegħu minn xi mkien ieħor, u meta l-appellant sar jaf bid-difetti li ħarġu f'dan il-ġebel, huwa mar fuq is-sit sabiex jara dan id-difett x'kien, tant kemm kien jaf li l-ġebla għal dan il-proġett inxtrat kollha mingħandu. Tqis għalhekk li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat u qiegħda tiċħdu, għaliex ma jirriżultalhiex li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-provi li kellha quddiemha.

*It-Tieni Aggravju:* *dwar il-prova tal-ispejjeż li tabilħaqq ġew sopportati mill-appellati*

11. L-appellant jilmenta mill-fatt li l-appellati naqsu milli jġibu prova tad-danni li sofrew. Waqt it-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, tqanqal ukoll dubju da parti tal-appellant, dwar in-natura tal-azzjoni li setgħu jipproponu l-appellati minħabba f'allegati difetti f'oġġett mibjugħ lilhom.

Il-Qorti kkonsidrat li l-prova tad-danni sofferti mill-appellati ġiet ċċertifikata mill-Perit Brian Ebejer f'dokument esebit quddiem l-Ewwel Qorti, liema valutazzjoni ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mill-appellant waqt il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellant seta' kieku ried jitlob għall-ħatra ta' perit tekniku ġudizzjarju sabiex jiċċertifika d-danni li ġarrbu l-appellati, li kienu jikkonsistu kemm fix-xiri ta' ġebel sabiex il-faċċata tal-villa setgħet terġa' tinbena mill-ġdid, kif ukoll f'ammont ta' sigħat ta' xogħol u materjal ieħor sabiex il-faċċata tinħatt u terġa' tinbena mill-ġdid. Jirriżulta wkoll li l-appellant m'għamilx kontroeżami lill-Perit Ebejer dwar din il-valutazzjoni ċċertifikata minnu, u għalhekk l-Ewwel Qorti ngħatat x'tifhem li l-*quantum* tad-danni pretiżi mill-appellati ma kienx qiegħed jiġi kkontestat mill-appellant. B'riferiment għan-natura tal-azzjoni esperita, il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ma kellux iħalli għat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti biex jeċċepixxi li l-azzjoni tal-appellati mhix idonea fiċ-ċirkostanzi, u li dawn kellhom jagħmlu użu minn azzjoni estimatorja jew redibitorja, ladarba l-pern tal-azzjoni hija difett f'oġġett mibjugħ u kkonsenjat lilhom. Din il-Qorti tqis li kien ċar sa mill-bidu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, li din hija azzjoni għad-danni sofferti mill-appellati minħabba fornitura ta' materjal li ma setax jintuża għall-iskop li għalih inbiegħ, u li l-azzjoni tal-appellati kienet maħsuba biex tkopri kemm l-ispejjeż addizzjonali attwalment minfuqa minnhom, kif ukoll danni oħra li sofrew f'pagi u xogħol addizzjonali li kellu jsir minnhom sabiex il-faċċata tal-villa twaqqgħet u reġgħet inbniet mill-ġdid. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u tiċħdu wkoll.

*It-Tielet Aggravju:* *il-ġebla hi riżorsa naturali, u l-appellant ma kellux jinżamm responsabbli għal difetti li ħarġu żmien wara li din inbiegħet minnu*

12. L-appellant jgħid li f'dan il-każ id-difett li minnu qegħdin jilmentaw l-appellati huwa difett li ħareġ fil-ġebla, li hija riżorsa naturali, u li hu bħala sid tal-barriera m'għandux jinżamm responsabbli għal difetti li ħarġu żmien wara li din inbiegħet minnu. Il-Qorti rat ir-ritratti esebiti fil-proċess, fejn jidhru d-difetti li jiffurmaw il-mertu ta' dawn il-proċeduri. Jidher ċar minn dawn ir-ritratti, li d-daqqiet u d-difetti li ħarġu fuq il-ġebla ftit tax-xhur biss wara li din tpoġġiet fil-post, ħarġu minħabba li l-ġebla ma kinitx idonea biex tintuża fil-faċċata ta' bini, u li għalhekk l-evalwazzjoni li għamel il-Perit Ebejer, li dawn id-difetti ħarġu biss għaliex il-ġebla kienet intrinsikament difettuża, għandha tingħata l-piż probatorju li jixirqilha. Wara kollox l-appellant huwa persuna li fi kliemu stess, bħala proprjetarju ta' barriera, ilu jaħdem fix-xogħol tal-ġebel bosta snin, u tant jaf il-barriera tiegħu x'tagħti, li kull meta kien jintalab ġebla tal-iprem kwalità u huwa jkun wasal f'saff li ma jagħtihx dik il-kwalità ta' ġebla, kien ikun kapaċi jgħid lill-bennejja biex jistennew ftit sakemm jasal f'qatgħa aħjar. F'dan il-każ l-appellant kien jaf il-ġebla mitluba mingħandu għal xiex kienet meħtieġa, tant hu hekk li huwa talab l-ogħla prezz għall-bejgħ tagħha. Jgħid ukoll li apparti l-appellat, ħadd aktar ma ilmenta dwar il-kwalità tal-ġebla akkwistata mingħandu. Il-Qorti qieset li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qegħdin jonqsu n-numru ta' persuni li jagħmlu użu mill-ġebla Maltija fil-bini tagħhom, u għalhekk jista' jkun li kien hemm persuni oħra li akkwistaw ġebel

mill-istess qatgħa, iżda li m'għamlux użu minnu fil-faċċata tal-bini tagħhom, u b'hekk id-difett ma kienx daqstant evidenti. Is-sid ta' barriera huwa mistenni li jkun jaf il-materja prima li qiegħda tinbiegħ minnu x'tip ta' ġebla hi u għal xiex tista' tintuża. Huwa għalhekk li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant għandu jagħmel tajjeb għad-danni, minħabba li kien biss ftit taż-żmien wara li telgħet il-binja, li l-ġebla mibjugħa minnu bdiet turi sinjali ta' tmermir. Tqis għalhekk li dan l-aggravju wkoll mhux mistħoqq u qed tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *dwar il-komputazzjoni tal-imgħax*

13. L-appellant jgħid li huwa safa ppreġudikat minħabba d-dewmien li ħadu dawn il-proċeduri sabiex ġew fi tmiemhom, minħabba li l-kawża damet posposta għal għadd ta' snin għas-sentenza qabel ma din ingħatat. Jgħid li dan id-dewmien ippreġudikah meta saret il-komputazzjoni tal-imgħaxijiet legali li jridu jitħallsu minnu fuq l-ammont likwidat, u dan meta huwa m'għandu l-ebda responsabbilità għat-tul ta' żmien li ħadu dawn il-proċeduri biex ġew fi tmiemhom. Il-Qorti tagħmel riferiment għar-risposta tal-appellati, li wieġbu li l-appellant kien jaf kemm huwa l-ammont pretiż minnhom, u f'każ li dan ried jinħeles mill-obbligu tal-ħlas tal-imgħaxijiet fuq l-ammont likwidat mill-Qorti, dan kellu jiddepożita l-ammont pretiż mill-appellati fir-Reġistru tal-Qorti sabiex b'hekk ma jkunx obbligat ukoll għall-ħlas tal-imgħaxijiet.

Din il-Qorti spiss qiegħda tiġi ffaċċjata b'aggravji ta' din ix-xorta. Huwa minnu li ħafna drabi ħadd mill-partijiet ma jkun responsabbli għad-dewmien fil-

proċeduri meta kawża tkun imħollija għas-sentenza. Hawn min jargumenta li l-partijiet għandhom l-obbligu li jimminimizzaw id-danni li jkunu esposti għalihom, billi fejn ikun magħruf l-ammont pretiż, dan jiġi depożitat fir-Reġistru tal-Qorti, u dan sabiex irrispettivament minn meta tingħata s-sentenza, id-debitur preżunt ma jkunx espost ukoll għall-ħlas tal-imgħaxijiet fuq l-ammont depożitat minnu. Hemm imbagħad minn jargumenta li l-konvenut fil-kawża m'għandux, sabiex jimminimizza d-danni li jkun espost għalihom, jiġi mġiegħel jiċċaħħad mill-użu ta' flusu pendenti l-għoti tas-sentenza. Ċertament mhuwiex ġust fil-każ odjern li l-appellant jiġi ordnat iħallas l-imgħaxijiet ta' erba' snin u nofs minħabba dewmien esaġerat ikkawżat mhux minn xi nuqqas attribwibbli lilu, imma għaliex il-kawża kienet ilha li tħalliet mill-Ewwel Qorti għas-sentenza mit-13 ta' April, 2005, u s-sentenza fil-fatt ingħatat fil-21 ta' Ottubru, 2019. Din il-Qorti tqis li l-imgħaxijiet li leħqu ddekorrew bejn id-data meta l-kawża tħalliet għas-sentenza, sad-data meta ġiet mogħtija s-sentenza, ċertament li m'għandhomx jitħallsu mill-appellant. Madanakollu din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li f'dan l-istadju tal-proċeduri, issejjaħ lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jew lill-Avukat tal-Istat, sabiex jirrispondu dwar ir-raba' aggravju mressaq mill-appellant. Dan għaliex l-artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li s-sejħa fil-kawża tista' ssir biss *"f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-qorti tal-ewwel grad"*. Huwa veru li l-appellant seta' talab li jingħata bħala rimedju għad-dewmien dak li jipprovdi għalih l-artikolu 195(5) tal-Kap. 12. Imma l-fatt li l-appellant m'għamlix dan, ma jnaqqasx xejn mill-iskumdità ta' din il-Qorti li tinsab

f'sitwazzjoni fejn fiċ-ċirkostanzi ma tistax tevita li l-appellant jiġi imġiegħel iħallas l-imgħaxijiet għall-perijodu ta' dewmien eżaġerat, li bl-ebda mod mhuwa attribwibbli għal xi nuqqas tiegħu. F'ġurisdizzjonijiet oħrajn ġew ippromulgati liġijiet *ad hoc*, bħal-Legge Pinto fl-Italja[8], li introduċiet fl-ordinament ġuridiku Taljan proċediment għar-rizarċiment tad-danni patrimonjali u non-partrimonjali, ikkawżati minħabba dewmien mhux raġonevoli fil-proċess ġudizzjarju ċivili.

Għar-raġunijiet imsemmija, din il-Qorti tinsab kostretta li tiċħad dan l-aggravju.

In vista tal-materja ttrattata f'din id-deċiżjoni, il-Qorti qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[8] Legge 24 marzo, 2001, n. 89.